



Brussell, 23 ta' Novembru 2016
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0363 (COD)

14778/16
ADD 2

EF 354
ECOFIN 1099
DRS 47

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Novembru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2016) 378 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta li temenda: – ir-Regolament (UE) 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment; – id-Direttiva 2013/36/UE dwar l-aċċess għall-attività tal- istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment; – id-Direttiva 2014/59/UE li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment; – ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal- investment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2016) 378 final.

Mehmuż: SWD(2016) 378 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.11.2016
SWD(2016) 378 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta li temenda: – ir-Regolament (UE) 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment; – id-Direttiva 2013/36/UE dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment; – id-Direttiva 2014/59/UE li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment; – ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-risoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Risoluzzjoni u Fond Uniku għar-Risoluzzjoni

{COM(2016) 850 final}
{COM(2016) 851 final}
{COM(2016) 852 final}
{COM(2016) 853 final}
{COM(2016) 854 final}
{SWD(2016) 377 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar proposti li jemendaw ir-Regolament (UE) 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment, id-Direttiva 2013/36/UE dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, id-Direttiva 2014/59/UE li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment, ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni

A. Ħtieġa għal azzjoni

Għaliex? X'inhi l-problema li qiegħda tiġi indirizzata? Massimu ta' 11-il linja

Fl-interessi tal-istabbiltà finanzjarja u tal-aġenda tal-Kummissjoni għall-impjiegi u t-tkabbir, hemm hteġa urġenti li; jiġu indirizzati għadd ta' nuqqasijiet fil-qafas regolatorju eżistenti; jiġu implimentati sensiela ta' miżuri internazzjonali ta' wara l-kriżi; u li jitlestew mill-aktar fis l-inizjattivi tal-unjoni bankarja. B'mod aktar speċifiku, bħalissa hemm riskji sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja u nuqqas preokkupanti ta' finanzjament bankarju tal-ekonomija. Minn barra dan, tenħtieġ aktar azzjoni sabiex ikun żgurat li fil-ġejjieni l-kontribwent ma jkollux għalfejn jerfa l-piż tal-falliment ta' istituzzjoni "kbira wisq biex tfalli". Apparti minn hekk, huwa wkoll essenzjali li, fejn ikun possibbli, isiru sforzi biex jitnaqqsu l-piżijiet sproporzjonati ta' regolamentazzjoni u ta' konformità.

Dawn il-kwistjonijiet jistgħu, parzjalment, ikunu attribwiti għall-fatturi li ġejjin:

- Riskju ta' dipendenza eċċessiva fuq finanzjament tal-operaturi fuq terminu qasir għall-iffinanzjar ta' attivitajiet fuq terminu twil;
- Riskju ta' ingranaġġ eċċessiv tal-istituzzjonijiet;
- Allokazzjonijiet ta' kapital subottimali għall-iskoperturi tal-SMEs;
- Riskju ta' falliment b'mod diżordinat ta' istituzzjonijiet finanzjarji ta' importanza sistemika;
- Fallimenti possibbli frott ir-rekwiżiti ta' kapital inadegwati għall-istituzzjonijiet; u
- Armonizzazzjoni mhux biżżejjed ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' riżoluzzjoni (pereżempju dawk li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni tal-insolvenza u l-moratorju)

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva? Massimu ta' 8 linji

Fil-mira tal-inizjattiva hemm, l-ewwel nett, l-indirizzar tal-kwistjonijiet li diġà ssemmev aktar 'il fuq. B'hekk l-inizjattiva se; ssaħħaħ "il-kopertura tar-riskji" u s-sensittività għar-riskji fil-qafas prudenzjali; ttejjeb il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u rikapitalizzazzjoni tal-G-SIBs; u se żżid il-proporzjonalità. Barra minn hekk, qiegħdin nipprevedu li l-inizjattiva se tnaqqas il-piżijiet amministrattivi, il-kostijiet tal-konformità u l-possibilitajiet ta' arbitraġġ tar-riskju filwaqt li ttejjeb il-kundizzjonijiet ekwi u tiżgura aktar koerenza u ċertezza tad-dritt.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE? Massimu ta' 7 linji

L-azzjoni min-naħa tal-UE hija neċessarja billi r-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet diġà huma trattati fil-livell tal-UE. Għaldaqstant, emenda tal-istrument legali tas-CRR, tas-CRD u tal-BRRD titqies bħala l-aħjar alternattiva (ara għall-bażi ġuridika, l-Artikolu 114 TFUE għas-CRR u l-BRRD, u l-Artikolu 53(1) TFUE għas-CRD). Azzjoni ulterjuri fil-livell tal-UE tkun ta' promozzjoni għal applikazzjoni uniformi tal-istandards regolatorji u għall-konverġenza tal-prattiki superviżorji. Tkun ukoll ta' aċċertament ta' kundizzjonijiet ekwi fl-UE kollha, li hija importanti billi l-banek — anke jekk iwarjaw fl-ambitu ġeografiku tagħhom — joperaw fi swieq b'ambitu ġeografiku usa' u għandhom il-libertà li jipprovdu servizzi u jistabbilixxu ruħhom fi Stati Membri oħra. Madankollu, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jibqgħu jżommu s-setgħat li diġà għandhom biex jindirizzaw karatteristiċi ekonomiċi u finanzjarji nazzjonali speċifiċi (politiki makroprudenzjali u buffers ta' riskju sistemiku).

B. Soluzzjonijiet

X'opzjonijiet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ta' politika ġew ikkunsidrati? Hemm jew ma hemmx opzjoni ppreferuta? Għaliex? Massimu ta' 14-il linja

Tqiesu kemm l-opzjonijiet leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi għall-aspetti kollha tal-proposti. Madankollu, fl-interess ta' ċertezza tad-dritt u sabiex naslu għall-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi fl-UE u globalment, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Istandards internazzjonali adottati mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS – Basel Committee on Banking Supervision) jew il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB – Financial Stability Board), se jkun neċessarju li dawn jiġu implimentati bħala opzjonijiet leġiżlattivi ta' politika.

Bl-istess mod, il-kalibrar mill-ġdid tar-rekwiżiti ta' kapital għall-iskoperturi għall-SMEs li jappoġġja l-oġettiv tal-Kummissjoni tal-impjiegi u t-tkabbir, jista' jinkiseb biss permezz ta' emendi għas-CRR.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-oġettiv tal-proporzjonalità, ikun indispensabbli li jsiru modifiki għat-test ġuridiku, li jinkludu jew it-tneħħija ta' xi obbligi mil-leġiżlazzjoni eżistenti (pereż. it-tnaqqis ta' xi rekwiżiti ta' divulgazzjoni

għal istituzzjonijiet anqas sinifikanti, ir-rinunzja ta' xi rekwiżiti ta' remunerazzjoni għall-istituzzjonijiet iżgħar u anqas kumplessi), jew inkella li ma jiddaħħlux rekwiżiti ġuridiċi għal xi istituzzjonijiet (pereż. ir-rekwiżit TLAC ikun limitat biss għal istituzzjonijiet finanzjarji ta' importanza sistemika globali (G-SII), jew l-esklużjoni tal-banek pubbliċi għall-iżvilupp mir-rekwiżit tal-proporzjon tal-ingranaġġ). Barra minn dan, hemm fteigħa li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' armonizzazzjoni fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet ta' riżoluzzjoni, u dan jista' jinkiseb biss billi jiddaħħlu opzjonijiet li jiffaċilitaw koerenza akbar fl-applikazzjoni tal-għodod ta' moratorju u jsir studju bir-reqqa dwar il-klassifikazzjoni tal-insolvenza tal-kredituri tal-istituzzjonijiet.
Min huma dawk li jappoġġjaw id-diversi opzjonijiet? Massimu ta' 7 linji Fil-maġġorparti tal-proposti indirizzati fil-Valutazzjoni tal-Impatt, l-istituzzjonijiet ġeneralment huma favur tnaqqis fir-rekwiżiti prudenzjali, filwaqt li s-superviżuri jiddefendu l-approċċ aktar prudenti tal-istandards mfassla mill-BCBS. In-negozji, b'mod partikolari l-SMEs huma favur estensjonijiet fit-tnaqqis tal-kapital għall-iskoperturi għall-SMEs. Madankollu, kemm l-industrija kif ukoll is-superviżuri b' mod kważi unanimu jappoġġjaw li tiġi ċċarata l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità frabta mar-remunerazzjoni.

C. Impatti tal-opzjoni ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-opzjoni ppreferuta (jekk hemm, inkella tal-opzjonijiet prinċipali)? Massimu ta' 12-il linja L-implimentazzjoni tad-diversi opzjonijiet ippreferuti tiggarrantixxi li l-istituzzjonijiet tal-UE (i) ikunu kapitalizzati aħjar, (ii) ikollhom sorsi aktar stabbli ta' finanzjament, (iii) ma jkollhomx karti tal-bilanċ b'livell eċċessiv ta' ingranaġġ u, (iv) ikunu riżolti b'mod aktar effettiv. B'hekk dawn ikunu f'pożizzjoni aħjar biex iregġu f'każ ta' skossi ekonomiċi. B'hekk dan inaqqas ir-riskju tal-falliment tagħhom u jnaqqas għalhekk il-probabbiltà li dawn ikunu jeħtieġu salvataġġ mis-settur pubbliku. F'każ ta' falliment ta' istituzzjoni (b'mod partikolari G-SII), l-introduzzjoni tal-miżuri mmirati għat-tisħiħ tal-proċess ta' riżoluzzjoni għandha tiżgura li r-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni ssir bl-anqas impatt fuq il-kontribwenti. Barra minn hekk, il-miżuri addizzjonali biex tiżdied il-proporzjonalità ta' wħud mir-rekwiżiti (marbuta mar-rapportar, id-divulgazzjoni u r-remunerazzjoni) għandhom inaqqsu l-piżijiet amministrattivi u ta' konformità għal istituzzjonijiet iżgħar / anqas kumplessi. Apparti dan, il-miżuri kkunsidrati fl-ambitu tar-riżoluzzjoni bankarja għandhom jipprovdu ċarezza ġuridika u b'hekk se jipprovdu aktar ċertezza għall-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, u wkoll biex iżidu l-fiduċja tal-investituri.
X'inhuma l-ispejjeż tal-opzjoni ppreferuta (jekk hemm, jew inkella tal-opzjonijiet ewlenin)? Massimu ta' 12-il linja Sa fejn attwalment istituzzjoni ma jkollhiex biżżejjed fondi proprji biex tissodisfa r-rekwiżiti ta' fondi proprji ġodda (jew riveduti) li jinsabu fil-proposta, din ikollha jew tikseb fondi proprji addizzjonali jew inkella tnaqqas l-iskoperturi tagħha. Bl-istess mod, jekk attwalment istituzzjoni ma jkollhiex biżżejjed ammonti ta' fondi stabbli biex tissodisfa r-rekwiżit ta' finanzjament stabbli, din ikollha tikseb finanzjament stabbli addizzjonali jew tibdel l-istruttura tal-maturità tal-assi. Apparti dan, bidliet fir-rekwiżiti jwasslu wkoll għal kostijiet ta' darba minħabba bidliet fis-sistemi ta' rapportar. Madankollu, għal istituzzjonijiet iżgħar, il-kostijiet ta' rapportar rikorrenti li jkunu anqas minħabba s-simplifikazzjonijiet fir-rapportar u fir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni għandhom jirriżultaw f'benefiċċju nett għal dawn l-intrapriżi. Il-kostijiet li jissemew hawn fuq jimmaterjalizzaw, fil-biċċa l-kbira tagħhom, f'terminu qasir u l-benefiċċji f'terminu twil ta' settur finanzjarju aktar stabbli huma mistennija li jagħmlu tajjeb għalihom.
Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi? Massimu ta' 8 linji Il-kalibrar mill-ġdid propost tar-rekwiżiti ta' kapital għall-iskoperturi bankarji għall-SMEs huwa mistenni li jkollu effett pożittiv fuq il-finanzjament bankarju tal-SMEs. Dan jassisti l-ewwel u qabel kollox lil dawk l-SMEs li bħalissa għandhom skoperturi li jammontaw għal aktar minn EUR 1,5 miljun billi dawn l-iskoperturi bħalissa ma jibbenefikawx mill-fattur ta' sostenn lill-SMEs. Opzjonijiet oħra proposti fil-Valutazzjoni tal-Impatt, l-aktar dawk li għandhom l-għan li jtejbu r-reżiljenza tal-banek għall-kriżijiet tal-ġejjieni, huma mistennija li jżidu s-sostenibbiltà għat-tisli lill-SMEs. Fl-aħħar nett, il-miżuri bl-għan li jnaqqsu l-kostijiet ta' konformità għall-istituzzjonijiet, b'mod partikolari dawk iżgħar u anqas kumplessi, huma mistennija li jnaqqsu l-ispejjeż tas-self għall-SMEs.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali? Massimu ta' 4 linji Le
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra? Massimu ta' 6 linji Ma huwa previst l-ebda impatt sinifikanti ieħor.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika? Massimu ta' 4 linji

L-evalwazzjoni tal-impatt ta' dan il-pakkett se titwettaq fl-ames snin wara li l-leġiżlazzjoni tidħol fis-seħħ, f'konsistenza mal-metodoloġija li sar qbil dwarha qabel ma tnediet l-evalwazzjoni.